1. **X'inhi l-validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali?**
   Il-proċess sabiex jigi validat it-tagħlim informali u mhux formali jinvolvi l-identifikazzjoni, valutazzjoni u rikonoxximent ta' ħiliet u kompetenzi li n-nies jiżviluppaw tul ħajjithom u f'kuntesti differenti bħal ma hu x-xoghol, l-edukazzjoni u attivitajiet fil-ħin liberu.

2. **X'inhu l-iskop tal-validazzjoni?**
   L-iskop tal-validazzjoni hu li l-livell ta' kwalifiki miksub mill-għarfien u l-esperjenza t' individwu jiġu formalizzati. Il-validazzjoni tivvaluta u tippremja kull tagħlim, tqajjem kuxjenza fuq l-impjegabilita' u tippromwovi parteċipazzjoni f'tagħlim tul il-ħajja.

3. **X'inhu 'tagħlim tul il-ħajja'?**
   It-tagħlim tul il-ħajja jinvolvi kull tip ta' attivita ta' tagħlim li ndividwu jidħol/tidħol għalih tul ħajtu/ħajjitha, bil-għan li jtejjeb/ttejjeb l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi, permezz ta' kwalifiki li jwessgħu l-orizzonti personali u soċjali tal-individwu kif ukoll joħolqu prospetti ġodda għall-karrieri aħjar.

4. **X'inhu t-'tagħlim informali'?**
   'Tagħlim informali' jfisser dak it-tagħlim li jirriżulta minn attivitajiet fil-ħajja ta' kuljum relatat ma' xogħol, familja jew hin liberu. Huwa ta' spiss imsejjaħ tagħlim miksub mill-esperjenza, u sa ċertu punt jista' jiġi deskritt bħala tagħlim aċċidentali.

5. **X'inhu t-'tagħlim mhux formali'?**
   It-'tagħlim mhux formali' jikkonsisti f' tagħlim integrat fi ħdan attivitajiet ippjanati iżda li mhumiex espliċitament maħsuba apposta bħala tagħlim, iżda li jkun fihom element importanti ta' tagħlim.

6. **Jeżistu xi linji gwida għall-'validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali' (VINFL)?**
   Iva, jeżistu linji gwida Ewropej għall-Validazzjoni tat-taghlim informali u mhux formali. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jipprovdi parir espert fil-qasam tal-VINFL.

7. **F'Malta hawn rikonoxximent għat-tagħlim informali u mhux formali?**
   Hemm numru mhux ħażin ta 'attivitajiet ta' tagħlim li huma rikonoxxuti kemm mill-istituzzjonijiet edukattivi pubbliċi u privati u anke minn min iħaddem. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC), l-Aġenzija tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropeja (EUPA), id-Dipartiment taż-Żgħażagħ fl-Università ta' Malta, huma fost l-istituzzjonijiet pubbliċi li jirrikonoxxu dan it-tagħlim. Madankollu, il-Kunsill Malti għall-Kwalifiki se jittratta is-suġġett b'mod aktar formali bl-għan li r-rikonoxximent t'attivitajiet informali u mhux formali, li jirrispettaw kriterji ta' standard ta' xogħol, isir taħt aspett legali.

8. **Hu maħsub li l-validazzjoni tissostitwixxi edukazzjoni(formali) kontinwa?**
   Le, għall-kuntrarju, l-validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali għandha tikkumplimenta s-sistema ta' edukazzjoni u taħriġ formali.

9. **X'inhu l-għan aħħari tal-validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali?**
   L-individwu huwa l-għan aħħari tal-validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali u għalhekk il-pubbliku inġenerali għandu jkollu aċċess għall-proċess ta' validazzjoni fuq bażi volontarja. Barra minn hekk, kull individwu għandu dritt għall-appoġġ permezz ta' nformazzjoni, pariri u sapport.

10. **Min jibbenefika mill-validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali?**
    L-individwi, min iħaddem, il-komunità, it-tielet settur/is-settur volontarju, min jipprovdi taħriġ u s-soċjetà (l-ekonomija) kollha jibbenefikaw mill-validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali. Tali proċessi jtejjbu s-sitwazzjoni tal-ħaddiem Malti u jagħmlu lin-Nazzjon tagħna aktar kompetittiv filwaqt li jagħti possibilita' akbar li jintlaħaq livell t'eċċellenza f'setturi ekonomiċi ewlenin.

11. X'inhuma l-benefiċċji għall-individwi?

Nies li jkollhom it-tagħlim tagħhom rikonoxxut (fi kwalifika - sħiħa jew parzjali) itejjbu l-opportunitajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol meta mqabbla ma' nies mingħajr kwalifiki) sakemm iċ-ċertifikat/kwalifika li kisbu jkollha valur fis-suq tax-xogħol.

Il-motivazzjoni u l-kunfidenza fil-potenzjal tagħhom jiżdiedu. Dan iwassal għal benefiċċji aktar wiesgħa bħal inklinazzjoni akbar lejn avvanz fit-tagħlim formali u attitudni aktar pożittiva lejn l-impjieg tagħhom. Hemm evidenza li turi li xi persuni ma kienu qatt jikkunsidraw jirritornaw lura għall-edukazzjoni u t-tahrig formali, kieku ma kellhomx is-sapport u l-possibbiltà li jivvalidaw l-għarfien informali u mhux formali tagħhom.

Iż-żmien iddedikat għall-edukazzjoni u taħriġ wara l-validazzjoni huwa iqsar u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż. Anke jekk il-persuna ma tħallasx għat-taħriġ, il-proċess jista jqassar iż-żmien li persuna tagħmel mhux impjegat/a. Tnaqqis fil-ħin ta' taħriġ itejjeb ukoll il-motivazzjoni tal-individwi għax jirrealizzaw li m'għandhomx għalfejn jerġgħu jibdew mill-bidu.

Li l-individwi jsiru konxji ta' dak li jafu u tal-kapaċitajiet tagħhom u b'hekk tingħata spinta 'l quddiem lill-karrieri, l-edukazzjoni u t-taħrig taghhom.

12. Il-validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali tinvolvi spejjeż?

Iva, ser jkun hemm spejjeż fil-proċess tal-validazzjoni. Dan għaliex nies ikkwalifikati u mħarrġa huma meħtieġa fil-qasam tal-validazzjoni u t-tmexxija tal-proċess. Madankollu dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu maqsuma bejn l-individwu, l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, awtoritajiet pubbliċi lokali, dawk li jħaddmu, fondi privati, l-Unjoni Ewropeja u donaturi oħrajn.

13. Kemm idum il-proċess tal-validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali?

Il-proċess ta'rikonoxximent jista' jieħu minn ftit ġimgħat sa ftit xhur, skond id-disponibilità t'informazzjoni mill-individwu.

14. Fuq liema bażi jigu evalwati l-individwi?

Individwi jiġu evalwati fuq il-bażi tal-Qafas Nazzjonali għall-Kwalifiki. Kemm il-validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali u l-Qafas Nazzjonali għall-Kwalifiki għandhom għan komuni - dak li jippermetti lill-individwi li javvanzaw fuq il-bażi tar-riżultati tat-tagħlim (għarfien) tagħhom.

15. X'inhuma '*learning outcomes*'?

'*Learning Outcomes'* jew riżultati ta' tagħlim jinkludu l-għarfien, ħiliet u kompetenzi li l-individwu jkun akkwista u kapaċi juri wara li jlesti proċess ta' tagħlim.

16. Għandna nappoġġjaw proċess bħal dan?

Appoġġ għal proċess bħal dan iwassal għar-realizzazzjoni fit-tul ta' soċjetà bbażata fuq għarfien, impjiegi sostenibbli u salarji aħjar.



Dan id-dokument ta' ħidma ppreparat mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, huwa l-ewwel pass lejn il-bidu ta' proċess, fuq livell nazzjonali, ta' rikonoxximent ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi li persuna tikseb u titgħallem bħala riżultat ta' esperjenzi ta' xogħol u ħajja ta' kuljum u li mhumiex normalment ċertifikati.
Id-dokument hu maħsub biex jipprovdi analiżi fil-fond tat-temi marbuta mal-validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali.
Għadd ta' argumenti ġew esplorati u diskussi f'dan id-dokument, inkluż il-qafas konċettwali, l-iżviluppi fil-qasam tal-validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali fuq livell Ewropew, il-qafas lokali u wkoll l-implimentazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali f'Malta.